

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Aġġornament tal-ammonti ta' referenza għall-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 247, 13.10.2006, p. 19; ĠU C 153, 6.7.2007, p. 22; ĠU C 182, 4.8.2007, p. 18; ĠU C 57, 1.3.2008, p. 38; ĠU C 134, 31.5.2008, p. 19; ĠU C 37, 14.2.2009, p. 8; ĠU C 35, 12.2.2010, p. 7; ĠU C 304, 10.11.2010, p. 5; ĠU C 24, 26.1.2011, p. 6; ĠU C 157, 27.5.2011, p. 8)

(2011/C 203/08)

Il-pubblikazzjoni ta' ammonti ta' referenza għall-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fil-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen

Barra mill-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, huwa disponibbli aġġornament ta' kull xahar fuq il-websajt tad-Direttorat-Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

IN-NORVEĠJA

Informazzjoni li tiegħu post l-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 247, 13.10.2006

Skont l-Artikolu 17(f) tal-Liġi tal-Immigrazzjoni tan-Norveġja, kwalunkwe ċittadini barranin li ma jkunux jistgħu jipprovaw li għandhom fondi adegwati għas-soġġorn tagħhom fir-Renju u għall-vjaġġ tar-ritorn, jew illi huma jkunu jistgħu jserrġu fuq dawn il-fondi, jista' jiġi rrifjutat lilhom id-dħul meta jaslu fil-fruntiera.

L-ammonti meqjusa bħala meħtieġa huma ffsatti individwalment u d-deċiżjonijiet jittieħdu każ b'każ. Jiġu kkunsidrati t-tul taż-żjara, jekk iċ-ċittadin barrani jkunx se joqgħod mal-familja jew mal-ħbieb, jekk ikollux biljett għall-vjaġġ lura u jekk tkunx ingħatat garanzija għaż-żjara tiegħu (bħala indikazzjoni, ammont ta' NOK 500 għal kull ġurnata jitqies adegwat għal viżitaturi li ma jkunux se joqogħdu ma' familjari jew ħbieb).